# Santa Elizabetta

***tat-Trinita'***



Santa Elizabetta tat-Trinita' twieldet fit-18 ta' Jannar, 1880, fi Franza. Missierha kien Franġisku Ġużeppi Catez li ta' 47 sena u kaptan tal-Armata Franċiża. Ommha Marija Rolland kellha 34 sena. Kienu żżewġu sena fl-1879. Tgħammdet fit-22 ta' Lulju fil-festa ta' Santa Marija Maddalena li għaliha l-Vanġelu jgħid: "dik li ħabbet ħafna". Kienet tiftakru ħafna dan il-jum u ssemmieh spiss billi kien il-jum li "t-Tlieta" ġew u ħadu pussess ta' ruħha għal dejjem. Ġiet imsejha Marija Ġużeppa Elizabetta imma kienet tissejjaħ Elizabetta minn niesha u Sabeth minn ħbiebha.

Meta kellha disa' xhur il-ġenituri marru f'Auxonne u wara meta Elizabetta kellha sentejn, marru f'Dijon, l-ewwel f'dar kbira u mbagħad, wara l-mewt ta' missierha, meta kellha seba' snin, f'dar oħra f'Dijon stess qrib il-Monasteru tal-Klawsura tas-Sorijiet Tereżjani. Minkejja li ma kinux jgħumu fil-flus, ommha setgħet tagħtiha edukazzjoni xierqa bis-saħħa tas-sinjorina Gremeaux li tfakkar il-karattru tal-azzar taċ-ċkejkna Sabeth. Is-saċerdot li kien qiegħed iħejjiha għall-ewwel tqarbina stqarr fuqha li "din it-tifla kellha tkun jew qaddisa jew xitan" !

Meta kellha seba snin resqet lejn is-Sagrament tal-Qrar għall-ewwel darba. Dan il-jum kien ferm important għaċ-ċkejkna Elizabetta tant li tibqa' issejjaħlu "il-jum tal-bidla kbira tagħha" jew "il-jum tal-konverżjoni". L-isbaħ jum ta' ċkunitha kien dak tad-19 ta' April, 1891, meta resqet lejn l-artal biex tieħu l-ewwel tqarbina u hekk Ġesù daħal fir-ruħ tagħha bil-qawwa kollha biex qatt ma joħroġ minn ġo fiha. Marie-Louise Hallo, ħabiba tal-qalb, tistqarr li mill-knisja ta' Saint Michel instemgħet tgħid; "Ma għandiex ġuħ għax Ġesù llum temagħni u xebbagħni bil-Ġisem u d-Demm Tiegħu".

Dak inhar stess filgħaxija ħaduha bil-libsa tal-preċett fil-Karmelu ħalli jarawha s-sorijiet fejn iltaqgħet għall-ewwel darba mal-Madre Prijura Marija ta' Ġesù. Din is-soru imnebbħa minn Alla, tmur tfissrilha li fl-isem tagħha ta' Elizabetta hemm misteru moħbi għax hu jfisser "dar ta' Alla". Iċ-ċkejkna tibqa' impressjonata b'dak li

ntqal fuqha u minn dak inhar stess bdiet tħoss li Alla jgħix fiha; hekk minn dak inhar tal-ewwel tqarbina Alla "Tlieta" għamel id-dwejra Tiegħu f'ruħha biex ma joħroġ qatt aktar.

Meta kellha erbatax-il sena ħasset ġibda hekk kbira lejn Ġesù li ħassitu jitlobha biex issir l-għarusa tiegħu. Għalkemm il-qalb tagħha kienet ġa' fil-Karmelu, hi ma nqatgħetx mid-dinja. Anzi għall-kuntrarju narawha tagħti kunċerti mill-aqwa tal-pjanu. Kienet ukoll tħobb tilbes sabiħ u tivvjaġġa ħafna. Kienet tħobb ferm tiltaqa' mal-ħbieb li magħhom dejjem baqgħet magħquda b'imħabba sensibbli. Kienet tgħin ħafna fix-xogħol pastorali tal-parroċċa fejn kienet tgħallem il-katekiżmu liż-żgħar, toħroġ liż-żgħażagħ u ddoqq fil-Knisja.

Sabeth iżda batiet ħafna miċ-ċaħda li kellha minn ommha li ma tersaqx lejn il-Karmelu ta' Dijon li tant kienet tħobb. Kien fis-26 ta' Marzu, 1899, matul il-jum tal-Missjoni tal-patrijiet Redentoristi li s-Sinjura Catez fl-aħħar mejlet rasha għar-rieda t'Alla u ta' bintha li tħalliha tidħol fil-Karmelu meta jkollha 21 sena.

Sakemm wasal dan il-jum qaddis, Sabeth aktar bdiet tingħata kollha kemm hi lil Alla - Tlieta li kienet issejjaħlu it-"Tout Amour" - il-"Kollu Mħabba", kif jidher tajjeb mid-Djarju u fl-ittri sbieħ u numerużi li kitbet matul dan iż-żmien ta' stennija. Bdiet iżżur sikwit il-Karmelu biex hekk tibda dduq il-benna tat-tagħlim spiritwali tal-Karmelu. Iltaqgħet ukoll għall-ewwel darba mat-tagħlim tad-Duttur Mistiku tal-Karmelu, San Ġwann tas-Salib, li għallimha aħjar tinża' minn kull ġibda, anke tajba u qaddisa, biex tilbes lill-Kristu totali li hu dejjem il-mudell ta' kull qdusija.

Meta Sabeth daħlet fil-Karmelu fl-1901 hi ħadet l-isem ta' Suor Eliżabetta tat-Trinità li fih hemm is-sejħa speċjali tagħha fi ħdan il-Knisja. Hawn, aktar minn qabel, riedet issir Tifħir u Sebħ t'Alla permezz ta' Kristu illi tgħidlu "O Kristu maħbub tiegħi.... nitolbok tlibbisni lilek innifsek, agħmel lil ruħi ħaġa waħda mal-movimenti kollha ta' ruħek; ġibni fix-xejn, imlieni bik, biddilni fik, hekk li ħajti ma tkun xejn aktar ħlief biċċa minn ħajtek...". U dan il-ħsieb wassalha sabiex turi l-ħeġġa kollha tagħha fil-Karmelu għas-salvazzjoni ta' l-erwieħ bis-saħħa tal-qdusija tagħha: "Il-missjoni Karmelitana hija tassew sublimi: hija għandha ssir medjatriċi ma' Ġesù Kristu, għandha tkun għalih bħal umanità oħra miżjuda ma' tiegħu, li fiha jissokta l-ħajja tiegħu ta' riparazzjoni u sagrifiċċju". Darba oħra tikteb: "Il-ħajja tal-Karmelitana hija bħal avvent ieħor li jlesti l-Inkarnazzjoni tal-Verb fl-erwieħ".

F'din l-għaqda sħiħa ma' Kristu, Suor Eliżabetta, sabet il-vera vokazzjoni tagħha li tkun tifħir u glorja lit-Trinità Mqaddsa, kif fl-aħħar mill-aħħar kull nisrani dejjem jixtieq ikun, għax l-għan ta' kull qdusija għandu jkun glorja u tifħir lil Alla Wieħed fin-natura u Tlieta fil-Persuni.

www.fleurdelysparish.com

ll-missjoni tagħha fis-sema, tgħid hi stess, kellha tkun li tgħallem lill-erwieħ joħorġu minnhom infushom u jidħlu f'għaqda waħda m'Alla u hekk isibu ġa' l-ġenna tagħhom fuq din l-art. Jeħtieġ jidħlu f'dak is-skiet kbir ġewwieni biex hekk ir-ruħ tħalli lill-istess Alla-Tlieta jittrasformahom fiH innifsu.

Dan ma jfissirx li Eliżabetta sabet fil-Karmelu kollox sabiħ, kif dejjem tipprova turi fl-ittri tagħha. Hi kellha, bħal kull ruħ għatxana għal Kristu totali, tgħaddi minn fażi ta' tbatija, sofferenza u purifikazzjoni attiva u passiva kemm tas-sensi kif ukoll ta' l-ispirtu. Insibu li matul in-novizzjat tagħha, li beda fil-festa tal-Immakulata, 8 ta' Diċembru 1901, sal-10 ta' Jannar 1903, lejlet il-professjoni reliġjuża tagħha, hi għaddiet minn provi ferm iebsa. It-talb li qabel kien jagħtiha l-akbar konsolazzjoni, issa sar iħalliha vojta u xotta għal kollox. Saħħitha wkoll bdiet tbatti u bdew l-ewwel sinjali tal-marda (Addison Disease) li kellha teqridha fi żmien qasir fost tbatijiet kbar. Dan l-istat tagħha ta' miżerja kemm fiżika kif ukoll spiritwali ġie moħbi sewwa minnha, hekk li ħadd ħlief iż-żewġ superjuri tagħha ma kienu jafu. Anke fl-ittri miktuba lill-familjari u ħbieb matul dan iż-żmien ma jurux it-tbatija kiefra li kienet qiegħda ġġarrab fis-skiet tar-ruħ.

Fil-11 ta' Jannar, 1903, festa ta' l-Epifanija, għamlet il-professjoni perpetwa u fil-21 ta' wara, ħadet il-velu iswed. Hekk reġgħet ġiet il-paċi f'qalbha. Is-sema tagħha reġa' "kollu kwiekeb" u "meta kont nistenna 'l-Għarus", ittenni lill-Kan. Angles, "fhimt li l-ġenna tiegħi kellha tibda f'din l-art, iżda ġenna fil-fidi, bit-tbatija u sofferenza għal Dak li nħobb.....". Tgħid dwar il-preżenza t'Alla: "Inħossu ħaj ġo fija, ma jeħtiġlix ħlief li nidħol fija nnifsi biex insibu hemm ġewwa fija..... Dan lili jagħmilni ferħana". Hi baqgħet "tgħammar fl-Imħabba" fis-skiet kbir tar-ruħ u b'fedeltà kontinwa sa l-aħħar ta' ħajjitha.

Fir-rebbiegħa tas-sena 1905, soru xiha, qaltilha li kienet iltaqgħet ma' vers sabiħ fl-ittri ta' San Pawl: "Alla ħalaqna biex inkunu t-tifħir tal-glorja tiegħu". Dawn il-kelmiet saħħruha u laqtuha hekk qawwi li għenuha ttir lejn il-quċċata l-aktar għolja tal-qdusija. F'din il-mixja ma taqta' xejn għall-quċċata tal-qdusija, fil-21 ta' Novembru 1904, fil-festa tal-Preżentazzjoni tal-Madonna fit-Tempju, waqt li qiegħda ġġedded il-voti u tikteb it-talba-offerta tagħha lis-Santissma Trinità, li fiha naraw il-għan kollu tal-ħajja tagħha: att ta' adorazzjoni ta' mħabba bla waqfien lit-Tlieta tagħha li fihom ir-ruħ tagħha kienet mitlufa. Hawn narawha tinsa lilha nnifisha ħalli tingħata lis-Santissima Trinità bħala Ostja qaddisa, pura u immakulata għall-Knisja.

Fid-29 ta' Ottubru 1906 titkaxkar fil-parlatorju għall-aħħar darba biex issellem lill-maħbubin tagħha: ommha, oħta u żewġ neputijiet żgħar. Hawn tagħtihom l-aħħar twissijiet qaddisa u tlestihom b'qawwa liema bħalha għat-titjira tagħha lejn is-Sema. Wegħdithom li sa tibqa' magħquda magħhom fi ħdan it-Tlieta. Talbithom li ma jibkux

www.fleurdelysparish.com

iżda jifirħu meta jisimgħu bil-mewt tagħha għax il-velu tal-fidi sa fl-aħħar se jitqatta' u hi tmur tadura lit-Tlieta tagħha wiċċ imb'wiċċ.

Jumejn wara jingħatawlha l-aħħar sagramenti u fil-festa tal-Qaddisin kollha tidħol fl-aħħar siegħat ta' agunija. Anke fuq is-sodda tal-mewt tibqa' tħeġġeġ lil sħabha biex jintelqu fi ħdan is-Santissima Trinità. Fid-9 ta' Novembru 1906, mad-daqq ta' "Angelus" ta' filgħodu kmieni, ir-ruħ tagħha ġiet fi ħdan Alla Tlieta filwaqt li kienet qiegħda tlissen il-kliem: "Sejra lejn id-Dawl, lejn l-Imħabba u lejn il-Ħajja". Fit-12 ta' Novembru kienet midfuna fiċ-ċimiterju ta' Dijon. Aktar tard wara mewtha nstab envelop li kien indirizzat "Sigriet lill-Madre", fejn insibu kunfidenza intima miktuba minnha fl-aħħar waqtiet ta' ħajjitha fuq l-art. "Madre tiegħi, meta taqra dawn il-linji, iċ-ċkejkna tiegħek ma tkunx qed tkanta fuq din l-art, iżda tkun fi ħdan l-Imħabba... "

Il-Papa Ġwann Pawlu II iddikjaraha beata nhar il-Festa ta' Kristu Re, 25 ta' Novembru 1984. Il-Papa Franġisku xandara qaddisa fis-16 ta' Ottubru 2016.

It-tifkira ta' din il-qaddisa issir fit-8 ta' Novembru.

**www.fleurdelysparish.com**

Find us on

***fleurdelysmalta.parish***

www.fleurdelysparish.com